

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2008/2101(INI)

11.11.2008

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar l-azzjoni Komunitarja rigward il-kaċċa għall-baleni
(2008/2101(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Carl Schlyter

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' bi pjaċir il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2007 dwar l-azzjoni Komunitarja rigward il-kaċċa għall-balieni (COM(2007)0823) u l-pożizzjoni dwar il-kaċċa għall-balieni adottata b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2008¹; jagħti l-appoġġ tiegħu biex ikompli jinżamm il-moratorju globali dwar il-kaċċa kummerċjali għall-balieni, u għall-projbizzjoni tal-kummerċ internazzjonali fil-prodotti tal-balieni; ifittex li jwaqqaf "il-kaċċa xjentifika għall-balieni" u jappoġġja l-għażla ta' reġjuni kbar fl-oċeani u fl-ibħra bħala santwarji li fihom il-kaċċa għall-balieni hija pprojbita b'mod indefinit;
2. Iqis li l-istorja traġika tal-kaċċa kummerċjali għall-balieni, flimkien mal-ħafna theddidiet li qeġhdin iħabbtu wiċċhom magħhom il-popolazzjonijiet tal-balieni (fosthom, *inter alia*, il-qbid inċidentali f'operazzjonijiet tas-sajd, il-ħabtiet mal-bastimenti, il-bidla fil-klima globali u t-niġġis bil-ħsejjes fl-oċeani) tobbliga lill-UE biex tippromwovi f'fora internazzjonali ewlenin, b'mod koordinat u koerenti, l-ogħla livell ta' ħarsien għall-balieni fid-dinja kollha;
3. Jinnota li d-Direttiva tal-UE dwar il-Ħabitats² li tiddefinixxi l-pożizzjoni Komunitarja rigward il-balieni (u d-dniefel) ma tippermettix li l-kaċċa kummerċjali għall-balieni tkompli ssir fuq kwalunkwe stokk ta' balieni fl-ibħra tal-UE;
4. Iqis li l-kaċċa għall-balieni għall-iskopijiet ta' sussistenza biss għandha tkun permessa mill-Kummissjoni Internazzjonali dwar il-Kaċċa għall-Balieni (I-IWC) sakemm din ma tkunx ta' theddida għall-istatus ta' konservazzjoni tal-istokk ikkonċernat, il-qabdiet jibqgħu fl-ambitu dokumentat u rikonoxxut tal-ħtiġijiet ta' sussistenza u li m'għandha tkun miftiehma l-ebda żieda fil-livelli approvati attwalment, kemm f'termini tal-għadd ta' balieni maqtula kif ukoll ta' speċijiet oħra maqbuda;
5. Jirrikonoxxi l-fakoltà taċ-ċetaċei li jħossu u l-potenzjal sinifikanti ta' tbatija severa u fit-tul ikkawżata waqt l-operazzjonijiet tal-kaċċa għall-balieni; jaqbel li, fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' benessri tal-annimali, huwa indispensabbli li jinżamm il-moratorju globali fuq il-kaċċa għall-balieni, u jappoġġja l-proposti li jfittxu li jtejbu l-umanità u l-kontroll tal-benessri tal-annimali fl-operazzjonijiet tal-kaċċa ta' sussistenza għall-balieni mill-popli indiġeni;
6. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jopponu kull proposta fil-proċess attwali ta' negozjar dwar il-ġejjieni tal-IWC li ttipprova tilleġittimizza kwalunkwe livell ta' kaċċa għall-balieni, kemm jekk xjentifiku, kummerċjali, ta' mal-kosta jew mod ieħor, jew li tawtorizza

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tkun adottata fisem il-Komunità Ewropea fis-60 Laqgħa tal-IWC fl-2008 rigward il-proposti għal emendi għall-Iskeda tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar ir-Regolament tal-Kaċċa għall-Balieni (Dokument tal-Kunsill Nru 9818/08).

² Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

kwalunkwe kummerç internazzjonali ta' prodotti tal-balieni;

7. Iħeġġeġ lill-Istati Membri li għadhom ma ssiħbux fl-IWC biex jagħmlu dan, sabiex ikunu jistgħu jappoġġjaw azzjonijiet li jfittxu li joffru l-ħarsien sħiħ tal-balieni.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	5.11.2008
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 47 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Adamos Adamou, Georgs Andrejevs, Margrete Auken, Pilar Ayuso, Johannes Blokland, John Bowis, Frieda Brepoels, Hiltrud Breyer, Martin Callanan, Dorette Corbey, Magor Imre Csibi, Avril Doyle, Mojca Drčar Murko, Edite Estrela, Anne Ferreira, Matthias Grootte, Satu Hassi, Jens Holm, Caroline Jackson, Dan Jørgensen, Christa Klauß, Urszula Krupa, Marios Matsakis, Linda McAvan, Roberto Musacchio, Riitta Myller, Miroslav Ouzký, Vladko Todorov Panayotov, Vittorio Prodi, Dagmar Roth-Behrendt, Daciana Octavia Sârbu, Amalia Sartori, Carl Schlyter, Richard Seeber, Bogusław Sonik, María Sornosa Martínez, Antonios Trakatellis, Thomas Ulmer, Anja Weisgerber, Glenis Willmott
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Bairbre de Brún, Christofer Fjellner, Anne Laperrouze, Johannes Lebech, Caroline Lucas, Andres Tarand, Lambert van Nistelrooij